MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 487/1999/1

**Mario Abela**

**vs**

**Victor Petroni u Carmel Bugeja**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Billi filwaqt illi kienu qeghdin isuqu l-vetturi numru AAQ-985 misjuqa mill-konvenut Camel Bugeja u l-vettura HAN-959 misjuqa mill-konvenut Victor Petroni fit-22 ta' Novembru 1998 f'St. Andrews Road, St. Julians, il-konvenuti bi traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habtu fil-vettura ACY-911;

Billi interpellati jaghmlu tajjeb ghad-danni kkawzati, l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara lill-konvenuti, jew minn minnhom, unikament responsabbli ghall-kollizjoni tat-22 ta' Novembru 1998, fuq imsemmija u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur;

(2) tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur, previa okkorrendo, bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

(3) tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-attur in linea ta' danni is-somma illi tigi likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 1999, kontra l-konvenuti, li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Petroni fejn gie eccepit :-

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta' Novembru 1998 f' St Andrews Road, St Julians ma' garax tort u htija tieghu, izda gara unikament tort u htija tal-konvenut l-iehor, u cioe Carmel Bugeja, li waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru AAQ-985 imhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat mall-vettura numru ACY-911 u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Victor Petroni debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Bugeja fejn gie eccepit:

L-ewwel talba tal-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun michuda stante li ghall-incident awtomobilistiku de quo kien jahti unikament il-konvenut l-iehor Victor Petroni xufier tal-vettura numru HAN 959;

Ghalhekk it-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta billi fejn jikkoncerna l-eccipjent ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur;

Per konsegwenza, it-tielet talba tal-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun rigetta billi ma hemmx lok ghall-kundanna ta’ l-eccipjent ghall-hlas ta’ danni lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Carmel Bugeja debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2003 minn fejn jirrizulta li l-konvenut Petroni ghamel referenza ghall-provi kollha li saru fil-kawza citazzjoni numru 1606/99 fl-ismijiet "Middle Sea Insurance plc vs Carmel Bugeja et", liema kawza kienet qed tigi trattata kontestwalment mal-presenti;

Rat l-istess verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2003 minn fejn jirrizulta li l-konvenut Bugeja ghamel referenza ghall-provi kollha li saru fil-kawza citazzjoni numru 2453/00 fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency Limited vs Victor Petroni", liema kawza kienet qed tigi trattata kontestwalment mal-presenti;

Rat l-atti tal-imsemmija zewg kawzi numri 1606/99 u 2453/00;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2004;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fit-22 ta' Novembru 1998 ghal habta tal-4.00 ta' wara nofs in-nhar, f'St. Andrews Road, Saint Andrews, fil-limiti ta' San Giljan, sehh incident stradali fejn kien hemm involuti z-zewg konvenuti bil-vetturi rispettivi li kienu qed isuqu u "coach", proprjeta tal-attur, misjuqa mix-xufier Charles Pace. Il-konvenut Bugeja kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Mercedes numru ta' registrazzjoni AAQ-985, filwaqt li l-konvenut Petroni kien qed isuq il-vettura Alfa Romeo, numru ta' registrazzjoni HAN-959. Il-coach, li hi wahda li tintuza ghat-turisti, ggib in-numru ta' registrazzjoni ACY-911;

L-attur jippremetti li huwa sofra danni ingenti fl-imsemmija coach bhala konsegwenza ta' dan l-incident u qed jippretendi li l-konvenuti, jew minn minnhom, ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-istess incident. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti, jew minn minnhom, jigu dikjarati unikament responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti minnu. Huwa qed jitlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni;

Il-konvenut Petroni qed jeccepixxi li l-incident stradali in kwstjoni ma' garax tort u htija tieghu. Huwa jeccepixxi li hu l-konvenut l-iehor Bugeja li ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-istess incident;

Da parti tieghu l-konvenut Bugeja jsostni li hu l-konvenut Petroni li ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-istess incident stradali;

Jirrizulta li z-zewg konvenuti kienu qed isuqu, wara xulxin, sejrin lejn l-istess direzzjoni u cioe' fid-direzzjoni ta' San Giljan. Il-gurnata li fiha sehh l-incident kienet il-Hadd u ghalhekk it-triq in kwestjoni, li hi wahda pjutost wiesgha,

kienet ukoll pjuttost traffikusa. Kienet ix-xita u ghalhekk it-triq setghet kienet tizloq. Il-konvenut Bugeja kien qed isegwi karozzi ohrajn u kien ghaddej lejn nofs it-triq cioe lejn il-linja li taqsam iz-zewg karreggiati. Da parti tieghu il-konvenut Petroni kien qed isegwi l-vettura misjuqa mill-imsemmi konvenut Bugeja. Il-coach tal-attur misjuqa mix-xufier Pace kienet gejja mid-direzzjoni opposta, cioe' kienet sejra fid-direzzjoni tas-Salini;

F'hin minnhom il-vettura misjuqa minn Bugeja marret fuq in-naha il-hazina tat-triq cioe qasmet ghall-kareggiata minn fejn kienet gejja l-coach u baqghet diehla fl-istess coach;

F'dan ir-rigward il-konvenut Bugeja jsostni li l-vettura tieghu giet milquta mill-vettura misjuqa mill-konvenut Petroni, fuq in-naha ta' wara taghha u b'hekk giet imbuttata fil-karreggiata l-ohra u bhala konsegwenza habtet mal-coach li kienet gejja mid-direzzjoni opposta;

Il-konvenut Petroni jichad dan kollu u jsostni li l-vettura misjuqa minn Bugeja, f'hin minnhom, spiccat fuq in-naha il-hazina tat-triq u habtet mal-coach gejja mid-direzzjoni opposta. Petroni jkompli jsostni li mad-daqqa l-vettura ta' Bugeja regat lura u spiccat angolata quddiem il-vettura tieghu. Huwa ttanta jevita l-vettura ta' Bugeja izda ghal xejn u ghalhekk baqa diehel fl-istess vettura ta' Bugeja;

Hu evidenti li s-sewwieq tal-coach ma ghandu ebda responsabilita' ghar-rigward ta' dak kollu li gara f'dan l-incident. Huwa kien ghaddej fin-naha t-tajba tat-triq u l-habta, mal-coach tieghu, sehhet appuntu fil-karreggiata l-hazina ghar-rigward tal-vetura li baqghet diehla fih. Ir-responsabilita' hi jew ta' wiehed jew l-iehor mill-konvenuti jew tat-tnejn. Iz-zewg konvenuti ma jaqblux principalment dwar episodju wiehed u cioe' jekk il-konvenut Petroni laqatx il-vettura misjuqa mill-konvenut Bugeja, qabel ma dan tal-ahhar mar fuq in-naha l-hazin tat-triq u habat mal-coach gejja mid-direzzjoni opposta;

Il-konvenut Bugeja jghid li kien qed isuq b'mod normali. Jghid ukoll li qala daqqa fuq wara mill-karozza misjuqa

mil-konvenut Petroni u ghalhekk gie mbuttat. Mad-daqqa huwa tilef il-kontroll tal-karozza ieghu, li bdiet tmur 'l hawn u 'l hemm u sab ruhu fil-karreggjata l-ohra. Huwa baqa diehel go coach gejja mid-direzzjoni opposta. Malli habat mal-coach is-saqaf tal-karozza tieghu nizel l-isfel u ghalhekk wegga rasu u ntilef minn sensih;

Il-konvenut Petroni jghid li meta l-vettura misjuqa mill-konvenut Bugeja kienet xi hmistax sa ghoxrin metru quddiemu, l-istess vettura ta’ Bugeja gibded ghal nofs it-triq, marret fuq in-naha l-hazin tat-triq, u baqghet diehla gol-coach tat-turisti gejja mid-direzzjoni opposta. Il-karozza ta' Bugeja habtet mal-genb fuq in-naha ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-coach u regghet lura ghal nofs it-triq. Huwa ttanta jiskapulha pero ma rnexxilux u laqat il-karozza ta' Bugeja fuq in-naha tal-genb taghha tan-naha tal-lemin fuq wara. Il-hsarat fuq il-karozza tal-konvenut Petroni kienu fuq in-naha tal-lemin ta' quddiem. Huwa jghid li qabel il-kollizzjoni huwa kien qed isuq, b’velocita’ normali, wara l-konvenut Bugeja bi dritt tieghu;

Mill-kumpless ta' provi prodotti u mir-rizultanzi, u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-versjoni li joffri l-konvenut Petroni hi aktar verosimili minn dik offerta mill-konvenut l-iehor Bugeja;

Dan qed jinghad in vista ta kif spiccaw il-vetturi wara l-habta u kif indikat fl-iskizz (fol.5) preparat mill-ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kollizzjoni. Minn dan l-iskizz jidher li l-ewwel habta saret bejn il-coach u l-vettura misjuqa minn Bugeja u kien biss wara li sehhet din il-habta li l-konvenut Petroni baqa diehel fil-vettura ta' Bugeja. Ma hemm xejn x'jindika li kien hemm xi habta ohra qabel dik imsemmija bejn il-coach u l-Mercedes ta' Bugeja;

Fl-okkorrenza (fol.6 sa 10) hemm imnizzel dak li qal ix-xufier tal-coach lis-Surgent esatt wara l-habta u dan ikkonferma li l-habta bejn il-konvenuti Petroni u Bugeja sehhet biss wara li sehhet il-habta bejn il-vettura misjuqa minn Bugeja u l-coach;
Inoltre P.S. 542 Alexander Grech, li kien l-ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kollizzjoni, kkonferma li lilu kien

irrizultalu li l-ewwel daqqa sehhet bejn il-vettura misjuqa minn Bugeja u l-coach, fuq in-naha l-hazina tat-triq ghar-rigward tal-Mercedes ta' Bugeja u cioe fuq in-naha it-tajba ghar-rigward tal-coach misjuqa minn Pace;

Jirrizulta ukoll li l-vetturi kollha involuti f'dan l-incident garrbu hsarat estensivi. In effett il-vettura misjuqa mill-konvenut Bugeja giet deskritta fl-imsemmija okkorrenza bhala "total loss". Il-konvenut Bugeja esibixxa xi ritratti tal-hsarat li garrbet il-vettura tieghu bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Dawn ir-ritratti jinsabu esibiti a fol.114. Minn dawn ir-riritratti hu evidenti li l-vettura misjuqa minn Bugeja ma garrbet ebda daqqa minn wara jew ahjar fuq in-naha ta' wara taghha. Jidher li wahda mid-daqqiet li qalghet din il-vettura kienet fuq il-genb tal-lemin taghha fuq dik il-parti li tinsab wara ir-rota ta' wara. Din kienet id-daqqa tal-vettura misjuqa mill-konvenut Petroni fuq il-vettura ta' Bugeja. In effett il-hsarat, li jirrizulta li sofrew il-vetturi, huma indikattivi li l-fatti sehhew kif jghid il-konvenut Petroni;

Il-konvenut Bugeja pproducja bhala xhud lill-martu, Tereza Bugeja, li kienet riekba mieghu fuq quddiem, fil-passenger seat. Din xehedet li ftit qabel ma sehhet il-habta bejn il-vettura misjuqa mir-ragel taghha u l-coach, hi hasset skoss fuq in-naha ta' wara tal-karozza fejn kienet riekba. Din ix-xhud mhux konvincenti f'dak li qalet. Hi ma setghetx tiddeskrivi ahjar dan l-"iskoss" u lanqas ma setghet tghid jekk dan kienx skoss ta' karozza li dahlet gol-karozza taghhom. Inoltre qalet li l-iskoss hassitu biss u ma semghet l-ebda hoss;

Is-Surgent li nvestiga l-kollizjoni jghid li meta kellem lix-xhud in kwestjoni, cioe' Teresa Bugeja, din qaltlu li ma kinitx taf x'kien gara peress li fil-mument tal-kollizjoni hija kienet qed tara x'kellha bzonn in-neputija taghha li kienet riekba fis-seat ta' wara tal-vettura misjuqa minn zewgha. L-istess Surgent ikkonferma li din ix-xhud fl-ebda hin ma semmiet li huma kienu qalghu xi daqqa minn wara;

Ghalhekk il-versjoni ta' din ix-xhud ezatt wara li sehh l-incident u l-versjoni li tat fil-kors ta' dawn il-proceduri ma

jaqblux. Ix-xhud ghalhekk lanqas ma hi affidabbli. Inoltre ma jistax jigi eskluz li minhabba li mart il-konvenut Bugeja setghet kienet imdawra lejn is-seat ta' wara biex tara x'kellha bzonn in-neputija taghhom riekba appuntu fis-seat ta' wara, seta kien ta distrazzjoni ghas-sewwieq cioe’ ghal konvenut Bugeja;

Is-sewwieq tal-coach ikkonferma li wara l-habta mal-coach li kien qed isuq il-vettura ta' Bugeja giet imbuttata lura u b'hekk baqghet diehla gol-karozza misjuqa mil-konvenut Petroni. Huwa kkonferma ukoll li ma ra ssehh ebda habta ohra qabel dik bejn il-coach misjuqa minnu u l-vettura misjuqa minn Bugeja. Dan hu ukoll sostanzjalment konfermat mix-xhud Mary Rose Pace, mart is-sewwieq tal-coach u li kienet riekba fil-coach fuq quddiem fuq ix-xellug ta' zewgha. Din ix-xhud qalet li qabel ma sehhet il-habta bejn il-coach u l-vettura misjuqa minn Bugeja fl-ebda hin ma rat l-istess vettura ta' Bugeja tahbat ma' xi karozza ohra jew xi karozza ohra tidhol fil-karozza ta' Bugeja;

Jigi inoltre rilevat li l-ebda xhud ma qal li, qabel il-habta bejn il-coach u l-vettura misjuqa minn Bugeja, ra l-vettura ta' Bugeja sejra l'hawn u l'hemm kif jallega l-istess Bugeja. Kieku l-vettura ta' Bugeja nghatat daqqa minn wara kienet tmur il-quddiem u mhux tmur fil-genb ghan-naha il-hazina tat-triq;

In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement ippruvat li l-konvenut Bugeja ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni u ghall konsegwenzi kollha tieghu. Ma tirrizulta ebda kontributorjeta minn naha tax-xufier tal-coach jew minn naha tal-konvenut Petroni. Jirrizulta ghalhekk li, ghal xi raguni, l-konvenut Bugeja mar fuq in-naha il-hazina tat-triq u habat mal-coach gejja mid-direzzjoni opposta. Ma din id-daqqa il-konvenut Bugeja bil-karozza tieghu mar lura u kien hawnhekk li l-konvenut Petroni bil-vettura li kien qed isuq laqat il-vettura ta’ Bugeja;

Jirrizulta li l-attur sofra danni fil-coach tieghu bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Huwa ppresenta prospett

li jindika fid-dettal l-ispejjez kollha li kellhom isiru sabiex jissewwew il-hsarat li garbet l-istess coach bhala konsegwenza tal-kollizzjoni. (Dokument AX1 - fol.40). Skond dan il-prospett dawn l-ispejjez jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm16248.75;

Minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqsu (a) l-ahhar entratata fl-imsemmi dokument li hi ghal Lm270 u li tirrigwarda danni sofferti minn mart ix-xufier tal-coach u ghalhekk mhux mill-attur u (b) ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm1275 peress li ghar-rigward tal-loss of use dawn ghandhom jigu kalkolati a bazi ta’ Lm75 kulljum. B’hekk id-danni sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta’ erbatax il-elf seba mija u tlett liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm14703.75);

Ghar-rigward tal-loss of use jirrizulta li biex issewwit il-coach ittiehdu 51 gurnata. Is-surveyor kien ikkalkula ghat-tisswija tmintax (18). Tenut kont tan-natura tal-hsarat li garbet il-coach u li certu spare parts kellhom jingibu minn barra minn Malta, iz-zmien ta’ 51 gurnata ma jistax jinghad li hu zmien esagerat. Anzi hu ragjonevoli li fic-cirkostanzi ttiehed dak iz-zmien sabiex il-coach setghet tissewwa;

L-attur ikkalkola l-loss of use a bazi ta’ mitt liri maltin (Lm100) kulljum eskluzi l-ispejjez kollha bhal dawk tad-diesel. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hu aktar ragionevoli li l-loss of use jigi kalkolat a basi ta’ Lm75 kull gurnata u ghalhekk Lm75 ghal 51 gurnata jammontaw ghal Lm3825. Ghalhekk Lm1275 inqas mill-kalkolu li sar mill-attur;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddecciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Bugeja u billi fit-tieni lok tilqa l-eccezzjoni kollha tal-konvenut Petroni u b’hekk tillibera lill-istess konvenut Petroni mill-osservanza tal-gudizzju u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara lill-konvenut Bugeja unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwestjoni u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-

attur; tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta’ erbatax il-elf seba mija u tlett liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm14703.75) u tikkundanna l-konvenut Bugeja  jhallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ Lm14703.75 in linea ta’ danni;

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut Bugeja.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------